VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,570, 9 ta' Mejju, 2016
Taqsima B

A.L. 161 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Fakultà " tfisser il-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL – fil-qasam rilevanti;

"il-Kors" tfisser il-programm ta'studju li jwassal għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Educational Studies (P.G.Dip. Ed.St.); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Grad jingħata taħt il-patroċinju tal-Fakultà f'dawn l-oqsma:

(a) l-Edukazzjoni tat-Tfal fl-Età Bikrija u Primarja; jew
(b) l-Edukazzjoni Sekondarja, li tkun offruta *jew* f'qasam ta' tagħlim prinċipali wieħed u f'qasam relatat mal-edukazzjoni; *jew* f'qasam ta' tagħlim prinċipali wieħed; *jew* f'qasam ta' tagħlim prinċipali wieħed u f'qasam ta' tagħlim sussidjarju; jew
(ċ) l-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja, li jkun offrut f'qasam ta' tagħlim wieħed.

4. Il-Bord għandu jħabbar l-oqsma ta' tagħlim offruti fi ħdan il-qasam tal-Edukazzjoni Sekondarja kif ukoll f'dak tal-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja kif approvat mis-Senat, fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

5. Minbarra li jkollhom grad tal-ewwel ċiklu miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II kif indikat għal kull qasam fl-ordinament 6, l-applikanti

(a) għandhom ikunu għaddew fit-Testijiet ta' Profiċjenza Miktuba u Mitkellma fl-Ingliż u fil-Malti fil-livell indikat fis-sezzjoni rilevanti ta' dawn l-ordinamenti, jew ikollhom kwalifika rikonoxxuta mill-Bord bħala komparabbli, li hija adattata għall-għalliema prospettivi, u li tkun inkisbet mhux aktar minn tliet snin qabel il-bidu tal-Kors, sakemm li:

(i) l-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu b'qasam prinċipali fil-Malti jew fl-Ingliż ikunu eżentati mit-test rispettiv; u
(ii) l-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu fl-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fl-Età Bikrija tal-Università ta' Malta jkunu eżentati minn dan ir-rekwiżit;

(b) għandhom jippreżentaw riflessjonijiet dwar esperjenza fil-qasam edukattiv li tkun saret mhux aktar minn tliet snin qabel il-bidu tal-Kors. L-esperjenza fil-qasam edukattiv għandha tinkludi minimu ta' erbgħin siegħa ta' esperjenza f'ambjent edukattiv approvat kif ukoll riflessjonijiet mhux valutati fuq ir-responsabbiltajiet edukattivi tagħhom. Il-Bord għandu jippubblika lista ta' ambjenti edukattivi u responsabbiltajiet edukattivi li jkunu kkunsidrati aċċettabbli għal dan il-għan;

(ċ) għandhom jissottomettu Ċertifikat ta' Kondotta Tajba tal-Pulizija skont l- Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) m'għandhomx ikunu inklużi fir-Reġistru stabbilit skont l-*Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri*.

6. Minbarra r-rekwiżiti għad-dħul speċifikati fl-ordinament 5:

(a) l-applikanti li jagħżlu l-qasam tal-Edukazzjoni tat-Tfal fl-Età Bikrija u Primarja għandhom ikunu kisbu l-livell ta' *Good Users* kif definit fil-linji gwida maħruġa mill-Fakultà, f'kull karta tat-Testijiet ta' Proficjenza msemmija fl-ordinament 5 (a) hawn fuq, u għandu jkollhom waħda minn dawn il-kwalifiki li ġejjin:

(i) grad tal-ewwel ċiklu fl-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fl-Età Bikrija; jew
(ii) grad tal-ewwel ċiklu b'qasam ta' studju prinċipali li huwa suġġett relatat direttament għal mill-anqas suġġett wieħed mgħallem bħala parti mill-Kurrikulu tal-Edukazzjoni Primarja; jew
(iii) grad tal-ewwel ċiklu b'qasam ta' studju prinċipali f'qasam relatat mal-iżvilupp tal-bniedem/tat-tfal jew mat-tfulija;

(b) l-applikanti li jagħżlu l-qasam tal-Edukazzjoni Sekondarja fl-oqsma ta' tagħlim li ġejjin għandhom ikunu kisbu l-livell ta' *Competent Users* kif definit fil-linji gwida maħruġa mill-Fakultà, fit-Testijiet ta' Proficjenza msemmija fl-ordinament 5 (a) hawn fuq, u għandu jkollhom dan li ġej:

(i) għall-**Business Education**: grad tal-ewwel ċiklu b'mill-anqas 20 krettu ECTS fl-Accountancy, 20 krettu ECTS fl-Ekonomija u 30 krettu ECTS fi kwalunkwe għażla fl-oqsma li ġejjin: l-Accounting, l-Economics, il-Banking and Finance, il-Management, il-Marketing, jew il-Public Policy;

(ii) għall-**Computing and Information Technology**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fil-Computer Science, fl-Information Systems jew fil-Computer/ Communications Engineering, li għandhom jinkludu taqsimiet studju f'dawn l-oqsma li ġejjin biex jiżguraw bażi ta' għerf wiesgħa biżżejjed fis-suġġett: Programming f'livell ogħla minn dak introduttorju f'xi lingwa avvanzata tal-ipprogrammar, Computer Logic and Organisation, Database Management Systems, Systems Analysis and Design, Data Structures and Algorithms, u Operating Systems,
sakemm li l-applikanti li ma jkunux temmew taqsimiet studju f'dawn l-oqsma kollha iżda li jkunu temmew b'suċċess taqsimiet studju f'mill-inqas erbgħa minn dawn l-oqsma jistgħu jidħlu wkoll fil-Kors iżda jkunu meħtieġa jsegwu taqsimiet studju supplimentari kif indikat fl-ordinament 7 f'oqsma li ma jkunux segwew matul il-grad li għamlu qabel;

(iii) għad-**Drama**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fit-Theatre Studies;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iv) għall-**Ingliż**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fl-Ingliż, li għandhom jinkludu minimu ta' 25 krettu ECTS f'taqsimiet studju mgħallma fil-lingwa u l-lingwistika tal-Ingliż, u 25 krettu ECTS fil-letteratura Ingliża,
sakemm li għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 biss, il-grad għandu jinkludi minimu ta' 20 krettu ECTS f'taqsimiet studju mgħallma fil-lingwa u l-lingwistika tal-Ingliż, u 20 krettu ECTS fil-letteratura Ingliża;

(v) għall-**Franċiż**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fil-Franċiż;

(vi) għall-**Ġermaniż**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fil-Ġermaniż;

(vii) għall-**Ġeografija**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fil-Ġeografija;

(viii) għat-**Taljan**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fit-Taljan;

(ix) għall-**Istorja**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fl-Istorja;

(x) għall-**Malti**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fil-Malti, li għandu jinkludi minimu ta' 25 krettu ECTS f'taqsimiet studju mgħallma fil-lingwa u l-lingwistika tal-Malti, u 25 krettu ECTS fil-letteratura Maltija,
sakemm li għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 biss, il-grad għandu jinkludi minimu ta' 20 krettu ECTS f'taqsimiet studju mgħallma fil-lingwa u l-lingwistika tal-Malti, u 20 krettu ECTS fil-letteratura Maltija;

(xi) għall-**Matematika**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fil-Matematika;

(xii) għall-**Mużika**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fil-Mużika;

(xiii) għall-**Edukazzjoni Reliġjuża**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fit-Teoloġija jew f'qasam ikkunsidrat rilevanti mill-Bord tal-Istudji, li għandu jinkludi 15–il krettu ECTS fil-Biblical Studies, 15–il krettu ECTS fil-Christian Fundamental Beliefs u 15–il krettu ECTS fil-Christian Morality;

(xiv) għax-**Xjenza**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fix-Xjenzi Naturali (il-Bioloġija, il-Kimika jew il-Fiżika);

VERŻJONI ELETTRONIKA

(xv) għall-**Istudji Soċjali**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fis-Soċjoloġija jew fl-Istudji Soċjali; u

(xvi) għall-**Ispanjol**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fl-Ispanjol u l-Istudji tal-Amerika Latina;

(ċ) l-applikanti li jgħażlu l-qasam tal-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja fl-oqsma ta' tagħlim li ġejjin għandhom ikunu kisbu l-livell ta' *Competent Users* kif definit fil-linji gwida maħruġa mill-Fakultà, fit-Testijiet ta' Profiċjenza msemmija fl-ordinament 5 (a) hawn fuq, għandu jkollhom dan li ġej:

(i) għall-**Art**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fil-Fine Art jew f'qasam ta' studju relatat; dawn l-applikanti kollha jkunu meħtieġa wkoll jippreżentaw portfolio ddettaljat li juri d-diversità tal-prattika artistika riċenti tagħhom f'midja differenti; l-applikanti jistgħu jintalbu joqogħdu għal intervista u biex jipprovdu aktar informazzjoni dwar l-isfond artistiku tagħhom u l-interess fil-professjoni tat-tagħlim;

(ii) għall-**Ethics Education**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fil-Filosofija;

(iii) għall-**Personal, Social and Career Development**: (a) grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fil-Psikoloġija jew fil-Youth Studies jew fis-Social Work; JEW (b) grad tal-ewwel ċiklu b'minimu ta' 35 krettu ECTS fil-Psikoloġija flimkien ma' minimu ta' 35 krettu ECTS jew fl-Antropoloġija, fil-Filosofija jew fis-Soċjoloġija;

(iv) għall-**Edukazzjoni Fiżika**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fl-isport jew fl-edukazzjoni fiżika; u jgħaddu f'Test tal-Profiċjenża fl-Edukazzjoni Fiżika organizzat għal dan il-għan mill-Università u li jkun miksub mhux aktar minn erba' snin qabel l-applikazzjoni.

It-Taqsimiet Studju Supplimentari

7. F'każijiet fejn l-applikanti għandhom nuqqas ta' għarfien essenzjali, ibbażat fuq kwalifiki akkademiċi jew esperjenza rilevanti, dawn jistgħu jkunu meħtieġa jsegwu taqsimiet studju supplimentari kif dirett mill-Bord sa massimu ta' 12-il krettu ECTS.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Għażla tal-Applikanti

8. (1) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat in-numru ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibbilità tar-riżorsi umani u n-numru ta' klassijiet xierqa disponibbli għall-komponent tal-esperjenza fil-qasam tal-xogħol. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli f'kull qasam ta' studju u/jew qasam tat-tagħlim fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(2) Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin:

L-Ewwel Kategorija:	L-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu fil-qasam tas-suġġett rilevanti indikat fl-ordinament 6, flimkien ma' grad ta' Dottorat u grad ta' Master fl-istess qasam jew f'qasam relatat mill-qrib mas-suġġett
It-Tieni Kategorija:	L-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu fil-qasam tas-suġġett rilevanti indikat fl-ordinament 6 flimkien ma' grad ta' Dottorat fl-istess qasam jew f'qasam relatat mill-qrib mas-suġġett
It-Tielet Kategorija:	L-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu fil-qasam tas-suġġett rilevanti indikat fl-ordinament 6 flimkien ma' grad ta' Master fl-istess qasam jew f'qasam relatat mill-qrib mas-suġġett
Ir-Raba' Kategorija:	L-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu fil-qasam tas-suġġett rilevanti indikat fl-ordinament 6 u Postgraduate Diploma fl-istess qasam jew f'qasam relatat mill-qrib mas-suġġett
Il-Ħames Kategorija:	L-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu fil-qasam tas-suġġett rilevanti indikat fl-ordinament 6 miksub fl-Ewwel Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija I
Is-Sitt Kategorija:	L-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu fil-qasam tas-suġġett rilevanti indikat fl-ordinament 6 miksub fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Klassi ta' Fuq) jew f'Kategorija IIA
Is-Seba' Kategorija:	L-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu fil-qasam tas-suġġett rilevanti indikat fl-ordinament 6 miksub fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Klassi ta' Isfel) jew f'Kategorija IIB,

sakemm li għall-iskop tal-għażla, dawk l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dħul kollha sal-31 ta' Awwissu qabel il-bidu tal-Kors jiġu kkunsidrati l-ewwel.

(3) Jekk, wara li tiġi stabbilita l-ordni ta' kwalifikazzjoni kif indikat hawn fuq, ikun hemm rabta għal kwalunkwe post jew postijiet: (a) il-marka medja finali miksuba mill-istudent fil-grad tal-Master jew fil-grad tal-Bachelor tiegħu/tagħha għandhom jiġu kkunsidrati, u (b) jekk ikun hemm rabta oħra, l-applikanti għandhom jiġu intervistati.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Il-Bord jista' jitlob ukoll lill-applikanti joqogħdu għal intervista li matulha l-kapaċità tagħhom biex itemmu l-Kors b'suċċess għandha tiġi evalwata.

(5) Il-Bord tal-Intervisti għandu jkun magħmul għall-anqas minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

9. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' erba' semestri ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm ta' Studju

10. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 120 krettu ECTS, li minnhom:

(a) 70 krettu ECTS huma assenjati għall-komponent mgħallem tal-Edukazzjoni u l-Pedagoġija, li għandhom jinkludu 40 krettu ECTS assenjati għal taqsimiet studju fil-Pedogoġija u 30 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju obbligatorji fl-Edukazzjoni;

(b) 20 krettu ECTS huma assenjati għal żewġ taqsimiet studju tal-Esperjenza fil-Qasam tax-Xogħol; u

(ċ) 30 krettu ECTS huma assenjati għall-komponent ta' Riċerka u Stħarriġ, li għandu jinkludi taqsima studju ta' riċerka u stħarriġ (10 kretti ECTS) u dissertazzjoni miktuba (20 krettu ECTS).

11. L-istudenti li jiksbu 60 krettu ECTS b'marka medja ta' mill-anqas 50% u li ma jtemmux b'suċċess il-Kors, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

12. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) L-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu għal taqsimiet studju mgħallma jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni supplimentari tal-eżamijiet ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Esperjenza fil-Qasam tax-Xogħol

13. (1) Għandu jkun hemm esperjenza fil-qasam tal-xogħol, li jkopri perijodu ta' osservazzjoni u ta' tagħlim fl-iskejjel u/jew f'ambjent edukattiv, taħt superviżjoni, kif determinat mill-Bord f'kull waħda mis-sentejn tal-Kors.

(2) L-esperjenzi fil-qasam tax-xogħol ikunu valutati fuq bażi ta' Għadda/Weħel.

(3) Il-Bord għandu jaħtar Bord tal-Eżaminaturi għall-esperjenza fil-qasam tax-xogħol għal kull waħda minn dawn l-oqsma li ġejjin: (i) l-Edukazzjoni tat-Tfal fl-Età Bikrija u Primarja, (ii) l-Edukazzjoni Sekondarja (suġġetti Umanistiċi), (iii) l-Edukazzjoni Sekondarja (suġġetti tax-Xjenza u Tekniċi), u (iv) l-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja.

(4) Kull student ikun valutat mill-inqas minn żewġ eżaminaturi kif stipulat fir-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università. L-għadd ta' żjajjar ta' valutazzjoni għandu jiġi ddikjarat fil-linji gwida tal-Fakultà iżda l-eżaminaturi jistgħu jżiedu ż-żjajjar ta' valutazzjoni kif iqisu xieraq.

(5) Kull Bord tal-Eżaminaturi għall-esperjenza fil-qasam tax-xogħol għandu jsegwi r-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università u kwalunkwe proċedura oħra li l-Bord jiddetermina għall-għan tal-esperjenza fil-Qasam tal-Xogħol, sakemm li dawn il-proċeduri jkunu f'konformità mar-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università .

(6) Il-Bord jista' jassenja mentor għall-esperjenza fil-qasam tax-xogħol għal kull student. L-espert m'għandux ikun responsabbli għall-valutazzjoni tal-istudent iżda jista' jkun ikkonsultat mill-Bord tal-Eżaminaturi għall-esperjenza fil-qasam tax-xogħol biex jgħinu fil-proċess ta' valutazzjoni u deliberazzjoni. Rwoli u dmirijiet oħra tal-espert għandhom ikunu determinati mill-Bord.

(7) L-istudenti huma meħtieġa jagħmlu mill-anqas 210 siegħa ta' osservazzjonijiet taħt superviżjoni f'kull sena akkademika.

(8) (a) L-istudenti huma meħtieġa wkoll jieħdu responsabbilitajiet sħaħ ta' tagħlim taħt superviżjoni għal minimu ta' 24 ġurnata skolastika kull sena.

(b) L-istudenti li, għal raġunijiet ta' saħħa, ma jattendux għal mhux aktar erbat ijiem għandhom jippreżentaw ċertifikat mediku fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa lill-Uffiċju tal-Fakultà. Iċ-ċertifikat mediku, miktub minn tabib mediku, għandu jiddikjara biċ-ċar ir-raġuni medika li qiegħda timpedixxi lill-istudent milli jattendi l-iskola u għandu jinkludi l-isem, il-firma u n-numru tar-reġistrazzjoni medika tat-tabib Mediku.

(ċ) Meta l-istudenti ma jattendux l-iskola għal mhux aktar minn erbat ijiem għal raġunijiet ta' saħħa jew għal kwalunkwe raġuni oħra li l-Bord iqis valida, kif ukoll f'ċirkostanzi speċjali li għalihom tingħata approvazzjoni minn qabel mill-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Bord tal-Eżaminaturi għall-Esperjenza fil-Qasam tal-Xogħol, huma jistgħu jiġu mitluba biex ipattu għal xi prattika ta' tagħlim li ma tkunx saret skont l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Bord.

(d) L-istudenti li ma jattendux għal ħamest ijiem jew aktar ikunu meħtieġa jew li jirrepetu l-Esperjenza fil-qasam tax-xogħol kollu f'sena addizzjonali jew, fid-diskrezzjoni tal-Bord, jistgħu jkunu meħtieġa jwettqu ġranet ta' prattika oħra taħt superviżjoni matul l-istess sena akkademika skont l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Bord.

(9) L-istudenti li jeħlu fl-Esperjenza fil-qasam tax-xogħol għandhom jitħallew jirrepetu l-Esperjenza fil-qasam tax-xogħol darba biss f'sena addizzjonali ta' studju skont dawk il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Bord, sakemm li:

(i) l-istudenti li l-Esperjenza fil-qasam tax-xogħol tagħhom tinkludi t-tagħlim ta' żewġ oqsma ta' tagħlim u li ma jissodisfawx lill-eżaminaturi fit-tagħlim ta' waħda mill-oqsma ta' tagħlim ikunu meqjusa li weħlu mill-Esperjenza fil-qasam tax-xogħol iżda jistgħu jitħallew jirrepetu biss l-Esperjenza fil-qasam tax-xogħol fil-qasam ta' tagħlim li jkunu weħlu fih, jekk eliġibbli skont ir-Regolamenti Prinċipali u skont dawn l-ordinamenti, u

(ii) l-istudenti jistgħu jitħallew jirrepetu biss waħda miż-żewġ Esperjenzi fil-Qasam tal-Xogħol.

(10) L-istudenti jkunu ddikjarati li għaddew mill-Esperjenza fil-qasam tax-xogħol mill-Bord tal-Eżaminaturi tal-Esperjenza fil-qasam tax-xogħol biss. Il-ġudizzju akkademiku u professjonali tal-Bord tal-Eżaminaturi tal-Esperjenza fil-qasam tax-xogħol ma jistax jiġi rivedut.

Id-Dissertazzjoni

14. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 25,000 kelma, sakemm li, f'oqsma speċifiċi approvati mill-Bord u fejn in-natura tal-istudju jirrekjedi dan, l-istudenti jistgħu jissottomettu kombinazzjoni ta' attività jew proġett u rapport tal-proġett ta' mhux anqas minn 10,000 kelma u mhux aktar minn 15,000-il kelma, skont ir-regolamenti tal-Università rilevanti u xi linji gwida oħra li jistgħu joħorġu mill-Bord.

(2) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta dettaljata tar-riċerka għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Kumitat tad-Dissertazzjoni maħtur mill-Bord sa mhux aktar tard mit-tmiem tat-tieni semestru tal-Kors.

(3) Kull student ikun assenjat superviżur, li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(4) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar ii-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Prinċipali rilevanti; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

L-Imġieba Professjonali Ħażina jew Mhux Xierqa

15. Id-Dekan tal-Fakultà jista' f'kull waqt jissospendi jew iwaqqaf lil kull student mill-Esperjenza fil-qasam tax-xogħol li, wara li jkunu saru l-proċeduri investigattivi xierqa li l-Bord jista' jistabbilixxi għal każijiet bħal dawn, jitqies li ġab jew qed iġib ruħu b'manjiera li tipperikola l-ġid tat-tfal tal-iskola jew li tmur kontra l-kodiċi tal-imġieba professjonali (jiġifieri, jimxi b'imġieba professjonali ħażina), jew li mġibtu titqies inkompatibbli ma' dak li titlob il-professjoni (jiġifieri, jimxi b'imġieba li ma tixraqx lill-professjoni).

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

16. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvediment Transitorju

17. **Għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 biss**, (i) l-applikanti li jippreżentaw grad tal-ewwel ċiklu fit-Tielet Klassi bl-Unuri, u (ii) l-applikanti li jippreżentaw grad tal-ewwel ċiklu b'60 krettu ECTS minflok 70 krettu ECTS fil-qasam ewlieni/oqsma ewlenin ta' studju kif speċifikat fl-ordinament 6, jistgħu jiġu kkunsidrati għad-dħul mill-Bord.

It-Tħassir

18. L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 308 tal-2015, għandhom jiġu mħassra minnufih.